MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 214/2009/1

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom li intavolaw proceduri ghal separazzjoni minn ma xulxin sa mis-sena 2009, wara li kienu diga isseparaw de facto xhur qabel;

Illi il-Qorti rat illi il-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin konsekuttivi u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi huma iddekadew mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------